Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Appell: 3/2016

**Sandro Sammut (appellat)**

**Vs**

**Future Focus Ltd (appellant)**

28 ta' Lulju, 2017.

1. L-attur harrek lill-konvenuta ghas-somma ta' elfejn disa' mija u erba' u ghoxrin ewro u erba' u erbghin centezmu (€2923.44), in kwantu ghal €700 rifuzjoni tal-prezz li hallas ghall-kors International Diploma in Office Management and Administration li l-attur ghamel mal-konvenuta, €2,223.44 telf ta' qliegh li ghamel il-konvenut. L-attur talab ukoll lit-Tribunal sabiex jillikwida somma bhala danni morali minhabba li spicca ghamel kors li ma swieh xejn fil-karriera tieghu.
2. Il-konvenuta wiegbet li hlas m'huwiex dovut ghaliex meta applika ghall-kors, fil-materjal promozzjonali ma kienx hemm li l-kors hu rikonoxxut min-*National Commission For Futher and Higher Education*. Il-konvenuta qatt ma tat garanzija li l-kors li aghzel l-attur kien ser ikun tal-livell mehtieg mill-attur.
3. B'decizjoni tal-24 ta' Frar, 2016 it-Tribunal laqa t-talba u kkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' €2,923.44 flimkien mas-somma ta' €500 bhala danni morali. It-Tribunal irraguna li:

   *"…. B'riferenza partikolari ghad-dokumenti ezebiti mir-rikorrent flimkien mat-talba tieghu, minn fejn jirrizulta ampjament car illi nonostante l-fatt illi hekk skont is-socjeta' intimata l-kors in kwistjoni 'is a Level 4 course on the MQF" (Dok. SS4), dan gie nnegat mill-MQRIC fejn irrizulta minn Dok. SS3 li: "MQRIC cannot recognize the above mentioned qualification", jikkonkludi li kien hemm nuqqas serju ta' servizz da parti tas-socjeta intimata".*

4. Il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:

   i. Is-socjeta' konvenuta ma nghatatx smiegh xieraq meta fis-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2015 it-Tribunal tella' tixhed lil Roseanne Galea, *"… b'mod skars ghall-ahhar u ghalhekk minghajr ma giet mistoqsija dawk id-domandi necessarji sabiex il-fatti kollha tal-kaz jigu esposti mis-socjeta appellanti. It-Tribunal ghalaq il-provi f'dik is-seduta stess u halla l-kaz ghas-sentenza ghas-seduta tal-20 ta' Jannar, 2016".*
   ii. It-Tribunal zbalja meta kkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €700 valur tal-kors; €2,223.4 danni u €500 danni morali. Mix-xhieda tal-attur stess jirrizulta li meta applika ghall-kors kull ma qalulu kien li l-kors iwassal ghal Diploma *'u xejn aktar'*. L-attur ma gab

l-ebda prova li l-konvenuta ggarantietlu r-rikonoxximent tal-kors minn Malta Qualifications Recognition Information Centre. Qalet ukoll li fl-applikazzjoni kien hemm car u tond li, *"Future Focus does not guarantee employment of any kind. Employers may or may not accept the qualifications when offering employment"*, kif ukoll *"… If you need clarifications please contact MQRIC or MQC directly. It is the responsibility of the applicant to clarify matters before enrolment"*. Ghal dak li jikkoncerna d-danni, Dok. SS2 li fuqu t-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu, mhuwiex prova li l-attur sofra danni.

5. L-attur wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata.

6. **Fatti.**

i. Is-socjeta' konvenuta toffri fost'ohrajn il-kors *Diploma in Office Management and Administration* li jigi organizzat minn istituzzjoni estera bl-isem *Cambridge International College*.
ii. Fl-10 ta' Dicembru, 2010 inhareg certifikat f'isem Sandro Sammut li huwa kien ghamel il-kors u nghata *"International Diploma with the grade of High Merit"*.
iii. L-attur kien qieghed jirregistra ghax-xoghol bejn Lulju u Awissu, 2013.
iv. Fid-9 ta' Lulju, 2013 applika ghall-grad ta' *Executive* mal-*Employment and Training Corporation*. Pero' gie nfurmat li ma kienx eligibbli ghall-kariga ghaliex id-diploma li kellu ma kinitx akkreditata.
v. Fit-2 ta' Awissu, 2013 in-*National Commission for Further and Higher Education* (NCFHE) harget dikjarazzjoni li d-Diploma li ghamel l-attur ma kinitx rikonoxxuta ghaliex, *"Cambridge International College does not feature in the list of recognized awarding body offering qualifications accredited by the regulatory authorities in Engalnd, Wales and Northern Ireland namely the Office of the Qualifications and Examinations Regulator (Ofqual)"*. Din l-awtorita' hi dik kompetenti biex tirrikonoxxi kwalifiki u takkredita korsijiet skont il-*Malta Qualifications Framework.*
vi. Fit-8 ta' Awissu, 2013 is-socjeta' konvenuta harget dikjarazzjoni fejn iccertifikat li l-attur kien ghamel *Diploma in Office Management and Administration with Cambridge International College* u li, ***"This course is a Level 4 course on the MQF**. This student has the necessary academic and work experience to proceed to a Level 5 course"*.

**Konsiderazzjoni.**

7. Il-konvenuta tilmenta li ma nghatatx smiegh xieraq. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

i. Mill-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2015 jirrizulta li Roseanne Galea ma kinitx assistita minn avukat jew prokuratur legali. Pero' ma jirrizultax ghalfejn ma kinitx assistita, cjoe' kinitx ghazla taghha li tmur wahedha jew minhabba li gara xi haga lill-prokuratur legali li ffirmat it-twegiba. Lanqas ma jirrizulta li talbet permess lit-Tribunal sabiex tixhed f'seduta ohra jew li rregistrat oggezzjoni li tixhed fl-assenza tad-difensur taghha.

ii. Dakinhar stess il-kawza kienet differita ghas-seduta tal-20 ta' Jannar, 2016 ghas-sentenza. Dan ifisser li fl-*interim period* kieku riedet il-konvenuta kellha altru milli zmien bizzejjed sabiex tilmenta dwar x'sar waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar, 2015 u sabiex it-Tribunal ma jatix is-sentenza u jaghti l-opportunita' lill-konvenuta sabiex tressaq iktar provi. Pero' mill-atti jirrizulta li l-konvenuta baqghet siekta.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-konvenuta m'ghandiex jedd li tilmenta li ma nghatatx smiegh xieraq. Proceduri quddiem it-Tribunal huma min-natura taghhom sommarji. Kien fl-interess tal-konvenuta li tizgura li dakinhar tas-seduta tkun assistita minn difensur, u jekk le tgharraf lit-Tribunal li trid tkun assistita. Dan apparti li jekk kienet tal-fehma li kellha xi ilment x'taghmel kellha tindirizzah a *tempo vergine* qabel tinghata d-decizjoni u mhux tibqa' siekta u tilmenta wara. Il-konvenuta kellha rimedju li ghal ragunijiet taghha ghazlet li ma tutilizzahx.

8. Il-qorti tibda biex tinnota li l-konvenuta ma pprezentatx *literature* li fiz-zmien in kwistjoni kienet toffri lil min hu interessat japplika ghal xi kors li toffri l-istituzzjoni Cambridge International College. Ghalhekk dak li ddikjarat fir-rikors tal-appell f'dan ir-rigward, mhuwiex prova.

9. L-attur xehed li:

*"Meta jiena applikajt ghall-kors kull ma qaluli kien li dan iwassal ghal Diploma u xejn aktar. Dettalji ohra nghid li nsejthom ghax issa ghaddew hames snin pero niftakar li meta ilmentajt mal-intimata din qaltli li jekk jiena insib problema biex insib xoghol nghid lilha u tkellimhom hi. Dan qatt ma sar ghax in the meantime jiena sibt xoghol iehor minghajr ma uzajt din id-diploma".*

10. Min-naha l-ohra Catherine Sammut (omm il-konvenut) qalet li kienet akkumpanjat lil binha meta applika, u *"Nghid li kienu qalulna li dan kien Level 4"*, pero' meta applika ghal xoghol mal-*Employment Training Corporation* infurmawh li d-diploma ma kinitx rikonoxxuta.

11. Roseanne Galea, ufficjal tas-socjeta konvenuta, xehedet li sa mill-bidunett kienet tikkomunika maghhom omm l-attur u li *"Jiena qatt ma ghidt lir-rikorrenti li din id-diploma hija recognized mill-MQRIC"*.

12. Hu veru li l-attur qal li kull ma qalulu kien li l-kors iwassal ghal diploma u xejn iktar. Pero' Roseanne Galea ikkonfermat li sa mill-bidunett kienu jitkellmu ma' omm l-attur. Fil-fatt Catherine Sammut qalet li kienu qalulhom li d-diploma kienet level 4. Hawnhekk il-qorti qeghda tifhem li r-riferenza hi ghal Malta Qualifications Framework, cjoe' li l-kors li ghamel l-attur kien rikonoxxut min-National Commission for Further and Higher Education.

13. Il-qorti tasal biex temmen li fiz-zmien li applika ghall-kors, l-attur kien gie infurmat mill-konvenuta li dak il-kors partikolari kien rikonoxxut f'Malta mill-NCFHE. Hekk biss tista' tifhem id-dikjarazzjoni li l-konvenuta ghamlet fit-8 ta' Awissu, 2013 li ***"This course is a Level 4 course on the MQF"***. Dikjarazzjoni li hi cara u ghalhekk m'ghandha bzonn ta' ebda interpretazzjoni, u minnha l-qorti tikkonkludi li fuq bazi ta' probabbilta dak li xehedet Carmen Sammut hu minnu, cjoe' li meta l-attur applika ghall-kors *"Nghid li kienu qalulna li dan kien Level 4"*.

14. Mill-provi rrizulta li l-kors mhuwiex rikonoxxut min-*National Commission for Further and Higher Education* u ghalhekk m'ghandux rating fil-*Malta Qualification Framework*. Ghalhekk ma serviex lill-attur ghall-iskop li riedu.

15. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, fir-rigward tal-kudanna tal-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' €700 bhala rifuzjoni tal-prezz u €500 danni morali, il-qorti hi tal-fehma li mhemmx bazi fl-ilment tal-konvenuta. Ladarba l-kors li ghamel l-attur mhuwiex rikonoxxut lokalment u mill-provi jidher li meta applika ghall-kors il-konvenuta qaltlu li dak il-kors qieghed f'Level 4 tal-*Malta Qualification Framework*, kellu dritt ghar-rifuzjoni tal-prezz li hallas. Dan apparti li kien ukoll fid-diskrezzjoni tat-Tribunal li jiffissa somma ghad-danni morali, li gustament it-Tribunal ikkonkluda li kien hemm lok ghalihom gialadarba rrizulta li l-attur ghamel kors li f'Malta ma kienx rikonoxxut mill-awtorita lokali li bil-ligi ghandha l-kompetenza biex tiddikjara x'rating level ghandhom kwalifiki skont il-*Malta Qualification Framework*.

16. Fir-rigward tad-danni fl-ammont ta' €2,223.44 dawn jirreferu ghal telf ta' qliegh li l-attur qal li sofra minhabba li, *"... ma giex accettat mill-ETC ghax-xoghol li applika ghalih minhabba illi d-Diploma li ghamel ma' Future Focus Ltd mhux akkreditat u accettat"* (estratt mill-avviz tat-talba). It-Tribunal qal:

*"Illi fuq ezaminazzjoni tal-provi, b'riferenza partikolari ghal Dok. SS2, giet ukoll ippruvata u sostanzjata t-talba tar-rikorrent ghat-telf ta' qliegh minhabba nuqqasijiet da parti tas-socjeta ntimata"*.

Fir-rigward ta' din is-somma li ppretenda l-attur, l-uniku prova li hemm hi dikjarazzjoni mahruga mill-*Employment Training Corporation* li tikkonferma li l-attur applika ghall-kariga ta' *Executive*, u wara gie infurmat li ma kienx eligibbli minhabba li d-diploma li kellu minn *Cambridge International College* ma kinitx rikonoxxuta f'Malta. Pero' mhemmx prova li kieku l-kors kellu rating ta' Level 4 fil-*Malta Qualification Framework*, l-attur kien jintghazel ghal dik il-kariga. Ghalhekk mhemmx prova li l-attur sofra telf ta' qliegh tort tal-konvenuta in kwantu ma giex ippruvat dak in-ness ta' kawzalita bejn l-agir tal-konvenuta u t-telf ta' qliegh li jippretendi l-attur. Ghaldaqstant, il-konvenuta ghandha ragun tilmenta li fir-rigward ta' din il-pretensjoni ma saritx il-prova.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' parzjalment l-appell u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi tal-24 ta' Frar, 2016 fis-sens li tichad it-talba tal-attur ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mitejn u tlieta u ghoxrin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€2,223.44). Ghall-kumplament tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni.**

**Spejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal kwart (1/4) a karigu tal-attur u tlett kwarti (3/4) a karigu tal-konvenuta.**

Anthony Ellul.